# Ħ'Attard: mnejn tnissel l-isem tar-raħal

Roderick (Rigu) Bovingdon **
(RPN, JP, DipNAdmin, BAHons, DipHCouns)

**Isem** raħal twelidi u trobbiti, **Ħ'Attard**, ilu jħabbat bosta studjużi biex jaslu fi speċi ta' riżoluzzjoni dwar in-**nisel** u t-**tifsira** tiegħu. Bħala wild dan ir-raħal antik, kif ukoll bħala dixxendent jiena nnifsi ta' ġebbieda twila ta' nies indiġeni ta' dana r-raħal, hawnhekk qed nippreżenta spjegazzjoni studjata u analizzata b'ċerta reqqa li jistħoqq lill-isem ta' dan ir-raħal Malti.

Qabel xejn, il-prefiss *ħal* li ninkontraw quddiem l-isem ta' bosta lokalitajiet ġo Malta, bħala parti mill-isem ta' post, ġo Malta biss jeżisti. Fl-ebda isem ta' post f'Għawdex ma nsibuh. Lanqas ma jeżisti fit-toponomija Għarbija jew dik Siċiljana f'din is-sura mqassra. Numru ta' ismijiet ta' lokalitajiet fi Sqallija li jġibu magħhom prefiss toponomastiku li jqarreb lejn l-ekwivalenti Maltija jinkludu l-kliem *rahal*, *rahl*, *casale*, *casali* u *casal*. Mkien ma niltaqgħu mal-prefiss Malti *ħal*, waħdu waħdu, bħala kelma għaliha. X'ifisser dan? Ifisser li hemm xi spjegazzjoni għal din l-okkorrenza. Jagħtini naħseb li l-ispjega aktarx tinsab parti fl-istorja ta' pajjiżna u parti fil-lingwa nnifisha.

## Sfond storiku:

Mill-istorja nafu li fl-**1551** parti mdaqqsa sew mill-poplu t'Għawdex, kien inġarr fl-iskjavitù mill-furbani; jiġifieri kien ittieħed fil-jasar. Dawk li tħallew Għawdex, kienu xi waħdiet ta' nies 'l hawn u 'l hinn li rnexxielhom jistaħbew fl-għerien jew fejn sabu l-aħjar kenn. Oħrajn aktarx kienu xjuħ wisq għal kull forma ta' użu biex jisservew bihom il-furbani. Mela mal-għibien tal-poplu Għawdxi, aktarx intesew bosta ismijiet antiki ta' lokalitajiet Għawdxin. B'hekk, jekk qatt kienu jeżistu xi okkorrenzi tal-użu tal-prefiss *ħal* ġewwa Għawdex, dan l-użu intesa għal kollox maż-żmien; forsi konsegwenza diretta ta' din il-ġrajja kiefra[1]. Għalhekk ukoll, il-biċċa l-kbira tal-ismijiet ta' postijiet f'Għawdex, aktarx li huma minn wara s-sena **1551** lil hawn.

## Morfoloġija:

Il-konklużjoni ta' bosta studjużi sew mill-antik kif tal-preżent, li l-kelma *ħal* f'dan il-kuntest tirrappreżenta d-diminuttiv jew it-taqsira tal-kelma *raħal*, insibni li ma nistax naqbel magħha u ser nispjega għaliex. Bħala diminuttiv, skont il-morfoloġija Maltija, din issir *rħajjel*. Mela din il-forma li, milli jidher ma qabdetx art mal-poplu, nista' naqbiżha. Is-sura l-oħra, jiġifieri l-forma mqassra, *ħal*, lanqas ma naċċettaha. Ħalli nispjegaha aħjar.

Il-kelma *rahl* fil-Għarbi tfisser *sarġ tal-ġemel; valiġġja*. Il-plural morfoloġiku Għarbi ta' *rahl* huwa *rhal* li jfisser *post fejn tieqaf għall-mistrieħ; waqfa*. Hija karatteristika tal-lingwi Semin li l-pluralizzazzjoni nominali, ġieli tibdel is-semantika, kif ġara f'dan l-eżempju. (*Ta' min jinnota wkoll li Malta la għandna deżerti u lanqas iġmla*.)

Il-kliem għal raħal bil-Għarbi huwa *dejgħa* u *qarawi*.

Il-plurali tan-nom *raħal* fil-Malti huma: il-plural magħdud *raħliet* u l-plural miksur *rħula*, bid-diminuttiv *rħajjel*. Fil-Għarbi jużaw il-plural *riħâl*. Fl-ebda waħda minn dawn l-eżempji, la fil-Malti u lanqas fil-Għarbi, ma nosservaw it-twaqqigħ tal-ewwel sillaba mill-kelma *ra-ħal* jew *ra-ħl*. U din mhijiex xi kumbinazzjoni.

Il-lingwi ma jimxux b'kumbinazzjonijiet, la fl-istat bażiku (primittiv) tagħhom qabel dawn ma jiġu ggrammatikati formalment u wisq anqas wara l-messa tal-akkademiku. Aktar minn hekk, f'dan il-każ partikolari, fl-ewwel sillaba tal-kelma *ra-ħal* nosservaw ir-**radikali sħiħa** erre /r/ li hija **alveolari** segwita mir-radikali **gutturali sħiħa** u **mleħħna** eħħe /ħ/. Fuq l-osservazzjoni tiegħi jidher li fil-Għarbi, ir-radikali erre /r/ spiss tintrabat ma', u nsibuha segwita mir-radikali eħħe ratba /ح/, l-eħħe ħarxa /خ/, mal- għajn /ع/ u mar-rgħajn /غ/. Bħala regola jidher li meta dawn jokkorru flimkien, bl-erre qabel, dawn ma jinħallux minn ma' xulxin għajr għal xi interferenza fonoloġika permezz ta' waħda mill-vokali.

Jerġa', la fil-Malti u lanqas fil-Għarbi m'hemmx eżempju wieħed fejn titwaqqa' l-ewwel sillaba ta' xi kelma li tkun nominali. Dan kollu jwassalni nikkonkludi, sakemm tinqala' xi teorija asaħħ minn tiegħi, illi l-prefiss *ħal* li napplikaw fil-Malti qabel

numru sewwa ta' ismijiet toponomastiċi Maltin, m'huwiex taqsira tal-kelma *raħal*.

## Semantika:

Mela xi tfisser dil-klejma *ħal*? Fil-Malti ta' llum, għajr bħala prefiss għal xi isem ta' raħal Malti, u esklussivament ġo Malta, ma nużawhiex fid-diskors. Iżda fil-Malti għandna l-kelma *bħal* li hija prepożizzjoni. Din aktarx hija tagħqida kronoloġika mnissla mill-prepożizzjoni *bi* u n-nom antik *ħal* li maż-żmien ġiet tfisser *tixbah*, *qisha*, *donnha*, u l-oħrajn. Mela hawnhekk għandna l-possessiv *bi* li tfisser *ma'* u li meta tingħaqad ma' ċertu kliem hija taffettwa mhux biss is-semantika iżda saħansitra l-karattru grammatikali tal-kelma li nabbinaw magħha. Xi eżempji huma: *bi traskuraġni*; *billi*; *bini l-ġuħ*; eċċetra. Meta din tingħaqad ma' *ħal* u ssir *bħal* nosservaw trasformazzjoni radikali fit-tifsir. In-nom *ħal*, waħdu waħdu, għandu konnotazzjoni ta' *tribú*; *ġgajta nies*; *ġens; razza; ġidd*. M'għandux jitfixkel ma' *ħâl* bil-vokali twila, li tfisser *qagħda*; *mod ta' għixien*; *kundizzjoni psikoloġika* jew *spiritwali*; eċċetra. Mela *bi* + *ħal* = *bħal*, jiġifieri fil-Malti ta' llum, wara li saret it-tagħqida formali ta' dawn iż-żewġ klejmiet, li allura għaqqdet it-tifsira ta' *ma'* mat-tifsira ta' *qagħda*, dawn bejniethom saru jipproġettaw konnotazzjonijiet ġenerali ta' *xebh*...

Minn hawn nosservaw li l-prefiss *ħal* qabel xejn, għandu jintgħażel ortografikament minn siehbu *ħâl*, mhux biss minħabba t-tifsir u t-tleħħin differenti iżda minħabba l-etimoloġija tagħha li fil-Malti ta' llum mhux faċli wieħed jinnotaha. Dawn il-karatteristiċi etimoloġiċi jinsabu fl-ewwel radikali bejn iż-żewġ eħħejiet ta' *ħal* u *ħâl*; waħda ratba, l-oħra ħarxa, u fil-vokalizzazzjoni; tal-ewwel maħtufa u tat-tieni mtawla. Fil-Malti ta' llum m'għadniex nagħmlu distinzjoni bejn l-eħħejiet li ħadna mill-Għarbi u b'hekk jiġri li wieħed jista' jitfixkel f'ċertu kliem bħalma għandna hawn.

S'issa nafu li semantikament l-ewwel parti ta' isem Ħ'Attard, minkejja l-ortografija żbaljata ta' llum, talludi għal *tajfa nies li jaqsmu l-għixien tagħhom f'komunità*. – Dan il-prefiss għalhekk japplika għal dawk l-ismijiet toponomastiċi kollha Maltin li jġibu dan il-prefiss magħhom u mhux għar-raħal ta' Ħ'Attard biss. Fil-kas tal-isem Malti *Raħal Ġdid*, dan inqisu b'eċċezzjoni u jirrikjedi attenzjoni għalih.

Il-parti l-oħra tal-isem hija *attard*. Sa llum il-proposta prevalenti minn numru ta' studjużi tal-Malti qabli, hija li din il-parti tal-isem ta' dan ir-raħal antik taf nisilha mill-kunjom *Attard*. Jiena assolutament ma naqbilx u ser nispjega fehmti.

Fil-parti aktarx minsija tal-vokabolarju Malti nsibu l-verb antik *tarad/torod/jitrod*. Din il-kelma tfisser "*issus wara xi ħadd b'intenzjoni ħażina; tbejjet lil xiħadd f'qalbek; teżilja; tiċħad lil xiħadd*". Minn dan il-verb, li llum ma tantx għadu jintuża, noħorġu n-nomi "*trad/trid*" u "*tard*" fuq il-forma stabbilita *ħrib* u *ħarb*, żewġ nomi verbali li ħriġniehom mill-verb *ħarab*.

Fuq din l-istess forma ta' għerq il-kelma *ħarab* noħolqu dak il-kliem kollu fil-Malti li jissawwar trekonsonantalment bħalu. Hekk minn "jitrod" li fil-passat allura, skont din il-forma jiġi "tarad", noħorġu n-nom "trad/trid" jew is-singular "tard".

Din it-tifsira, li jiena għadni ma rajtha mkien fid-dizzjunarji Maltin, hija l-aħjar spjegazzjoni għall-aħħar parti tal-kostruzzjoni lessemika *attard* → *at-tard* minn *il-tard* għal *it-tard*, bit-tifsira tal-*eżilju*, eċċetra. Lingwistikament hija loġika.

Jonqosna nqisu s-sinifikat tal-ewwel sillaba ta' din il-kelma li hija *at*. Din mhijiex għajr l-artiklu definit, elle /l/, bil-vokali tal-leħen /a/ magħquda magħha, skont ir-regola stabbilta tal-omofonija, għall-faċilità ta' pronunzja u bl-artiklu definit Malti *l* f'assimilazzjoni xemxija mal-ewwel radikali tan-nom *tard*. Hawn nosservaw li l-vokali 'a' mhux biss isservi funzjoni ewfonika imma hija fl-għamla antika u oriġinali Għarbija tagħha, bil-elif, li fil-Malti ta' żmienna ġiet spostata mill-vokali *i*; hekk flok *al* (*at*) jiġifieri *al-tard*, din bl-assimilazzjoni ssir *at-tard* u suppost li sa llum qalbet għall-pronunzja kurrenti ta' *il* (*it-*) jiġifieri *il-tard* li tassimila ruħha fi *it-tard*.

Imma issa l-*ħal* kif ser niġġustifikawh lingwistikament f'din it-tiswira? Din m'hi xejn diffiċli la wasalna s'hawn. It-trasformazzjoni ssir hekk: *Ħal al-Tard* → *Ħal at-Tard* → *Ħat Tard* mingħajr is-sing. U t-tifsira sħiħa minn din il-kobba mħabbla tiġi, bejn wieħed u ieħor, għaliex iż-żmien laħaq għamel tiegħu : (*post fejn jgħammru dawk* (għaliex bl-artiklu definit) *in-nies l-eżiljati*. Imma din m'hix konklużjoni finali.

S'hawnhekk nistħajjel li dit-tifsira ma tinżilx għasel lil kulħadd, imma m'hemmx fiex wieħed jieħu fastidju minnha. Il-għala? Għaliex l-ewwelnett qegħdin nitħaddtu fuq oriġinalità ta' mill-inqas 1100 sena ilu, jekk mhux ħafna iktar. Imbagħad hemm il-ġenwinità fir-riċerka u l-iskularità. Jew se nkunu onesti fit-tiftix xjentifiku tagħna, inkella nikkuntentaw bil-mîti u l-ħrejjef. Ma jfissirx illi dawk il-familji ta' Ħ'Attard tal-lum li jingħaddu mad-dixxendenti oriġinali bħalma jien jien, wara dawn is-sekli kollha għadhom eżiljati.

Dan is-suġġeriment, li sa fejn naf jien huwa l-ewwel darba li ġie ppreżentat, huwa frisk u relattivament ġdid. Hija spjegazzjoni li għandha tgħollina fl-istima soċjali u fil-mertu filli rnexxielna nikxfu l-antikità tan-nisel tal-isem ta' Ħ'Attard u wkoll tagħna nfusna bħala grupp tali.

Permezz ta' dan it-tkixxif aħna l-poplu indiġenu ta' Ħ'Attard għandna l-*unur* u d-*distinzjoni* kollettivi li aħna ġgajta Maltin mill-aktar antika u li tagħraf id-dixxendenza antika tagħha fir-rabta mal-istorja ta' pajjiżna u mal-istess lingwa indiġena Maltija tagħna.

Nissokta bl-argumentazzjoni analitika tiegħi. Biex inkun koprejt il-konsonanti kollha li jokkorru fl-isem ta' *Ħ'Attard*, li allura suppost niktbuh *Ħat Tard*, nosservaw li l-ittra *d* f'tarf il-kelma m'hijiex għajr it-tielet konsonanti tal-għerq. Mhux kif dejjem inżamm fl-imgħoddi li din id-*d* għandha xi affinità semantika mal-kelma romanza *tardo*. Xejn affattu minn dan! It-taljanizzazzjoni tal-isem saret żmien twil ta' sekli wara li *Ħat Tard* kien ilu stabbilit f'ilsien il-poplu.

Il-fatt li jeżisti l-kunjom Malti *Attard*, f'sens lingwistiku mhux argument validu biex isem ir-raħal jingħad li tnissel mill-kunjom. Bl-ispjega lingwistika li jiena tajt hawnhekk, il-kelma *attard* ma tistax tkompli titqies b'lessema għaliha. Hija ċarament it-tagħqida tal-artiklu definit man-nom; hekk *at-tard*, jiġifieri *it-tard* (*l-eżilju*). Bosta kunjomijiet Maltin għandhom xi rabta ma' xi tifsir speċifiku. Nafu li fihom infushom ma jmorrux lura aktar minn ċertu annu (sekli tnax u tlettax ?) waqt li isem ir-raħal ta' *Ħ'Attard* (*Ħat Tard*) aktarx li huwa ta' qedem tant qadim li dan intilef fiż-żmien.

Il-kelma nfisha *ħattard*, jekk inqisuha b'kelma waħda, lanqas ma tokkorri fil-Malti.

Il-konsonanti *d* fil-Malti assorbiet mhux inqas minn ħames ħsejjes Għarbin flimkien mal-ħoss ta' *d* romanza u xi drabi, it-*th* tal-Ingliż. Hemm min jippronunzja l-isem tar-raħal bħallikieku dan jispiċċa bit-*t* flok bid-*d*. Iżda dan jiġri minħabba l-influwenza tal-erre preċedenti li hija konsonanti **sħiħa, trilla, alveolari frikattiva** u tiddomina fuq id-*d* li ssegwiha. Fil-Malti, jekk aħna naċċettaw li għandna sostrat lingwistiku li jqaddem sa mill-influwenza lingwistika Feniċja, teorija li llum bosta studjużi jqisuha anatema, il-ħoss tal-erre /r/ bħala radikali hija fost l-eqdem li għandna fl-alfabett tagħna.

Jonqosni l-aħħar pass; li nispjega l-eħħe tal-bidu. Hawnhekk irrid nitbiegħed lilhinn, iktar fil-qedem ta' lsienna biex nifhem l-oriġni tagħha. Jiena ngħid li din ġejja mill-kelma "ħal" bl-eħħe ratba, li hija ta' nisel Feniċju-Puniku. It-tifsir ta' dil-kelma għandu rabta mill-qrib mal-idea ta' "*qodos, qdusija, sagralità, post sagru, qaddis, divin u l-bqija.*" Hija kelma li nsibuha wkoll fil-Lhudi (Ebrajk Qadim) u fl-Arami (Aramajku). Mela jekk xi darba fil-qedem nett ta' ġrajjiet Malta, kien jeżisti xi tempju, jew imqar lôk biss bħal xi misraħ mingħajr bini iżda b'xi rabta sagra, fl-inħawi ta' Ħ'Attard, dan baqa' jiġi kkonoxxut fl-isem tar-raħal. Hekk ukoll il-fdal ta' dan l-hekk imsejjaħ prefiss jokkorri bi frekwenza komuni ħafna tant li għadu jkarkar fit-toponomastika ta' bosta ismijiet ta' lokalitajiet Maltin.

Jista' jagħti l-każ li ġabuha magħhom l-Għarab, peress li l-Għarbi hu lsien mill-istess familja ta' ilsna u nafu li sar bosta taħlit ta' ilsna u razez fil-Lvant Nofsani. Iżda jekk nintrabtu ma' din il-linja ta' ħsieb, l-argument nistgħu napplikawh għal dik il-parti kollha tal-Malti Semitku. Il-fatt li l-klejma *ħal* tokkorri ġo Malta biss, paragunat mal-pajjiżi Għarab u ma' Sqallija fejn ma jinstabx f'din il-forma, jindika li din hija lessema fiha nfisha li taf nisilha minn żminijiet pre-Għarbin.

Aktar ma nfannad fl-istudji tiegħi dwar il-Malti, aktar qiegħed inkompli nsib, fdalijiet, għalkemm żgħar iżda sinifikanti, li jippuntaw lejn eżistenza ta' sostrat fil-grammatka fonda tal-Malti u għalhekk lejn bidu eqdem mis-saff lingwistiku Għarbi f'ilsienna.

Inħalli l-bieb miftuħ għal kull tagħrif ġdid li jista' jitfaċċa, għaliex is-sengħa ta' għerf il-bniedem hekk tinbena. Ikollok il-pedament tal-għorrief ta' qablek u tkompli tibni fuqu. Min jiġi warajna huwa fid-dmir li jerġa' jqalleb fl-eqdem traċċi ta' qablu.

Mela, l-isem ta' Ħ'Attard, fuq ir-raġunamenti li għadni kemm tajt, suppost qabel xejn jinkiteb "Ħat Tard" u mhux "Ħ'Attard". (*Għaldaqstant m'iniex nipproponi li nbiddlu din l-użanza u lanqas ma tagħmel sens fl-ambjenza soċjali tal-lum.*)

Mela, it-tifsira tal-kelma konġunta "Ħ'Attard", fid-dawl tal-argumenti li tajt hawnhekk tqarreb għal "*it-tempju, il-knisja, il-kappella, il-post sagru*", magħruf bħala "*tal-vendikazzjoni, tal-mibegħda, tat-tbejjit-il-qalb, tat-tpattija; tat-tkeċċija; tal-eżilju; taċ-ċħid*". Jiġifieri l-ewwel parti tal-isem, il-prefiss *ħat* (*ħal*) hu ta' nisel Feniċju li jidher li wiritnieh direttament u baqa' jkarkar sa żmienna fil-lingwa tagħna. It-tieni parti *tard* ġiet għandna mill-Għarbi *tarada* li tagħha għad għandna l-verb Malti *jitrod*.

Bl-istess raġunament, Ħ'Attard (*Ħat Tard*) jista' wkoll ifisser *il-post sagru tal-mistrieħ fejn waqaf l-eżiljat* jew *l-imkeċċi*.

** L-awtur Roderick (Rigu) Bovingdon huwa qarib dirett (dixxendenti) tal-Fundatur tas-Sej, Mastru Karm Debono li kien hu nannuh min-naħa ta' ommu Rebecca Debono. Bovingdon emigra lejn l-Awstralja fl-1958 u wasal Sydney sew sew fl-14 ta' Jannar 1959. Twieled Ħ'Attard fit-28 ta' Settembru 1942.

**Referenzi**

1 Punt dibattibbli. Inserixxejtu appuntu sabiex nistimula tiftix ireqq minn tiegħi.